

L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009

Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Svezzja/Volvo - Awstrija/Steiermark - Olanda/Heijmans

P7_TA(2009)0107

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (COM(2009)0602 – C7-0254/2009 – 2009/2183(BUD))

(2010/C 286 E/11)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0602 – C7-0254/2009),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ⁽¹⁾ (il-Ftehim Interistituzzjonali), u b'mod partikulari l-punt 28,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ⁽²⁾ (Regolament tal-EGF),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjieġ u l-Affarijiet Soċjali (A7-0079/2009),
- A. billi l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex tipprovi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jbatu minħabba l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija u biex tgħinhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,
- B. billi l-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun waħda dinamika u li tkun disponibbli b'mod effiċjenti u malajr kemm jista' jkun, b'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni li għet adottata matul il-laqgħa ta' konċil-jazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u filwaqt li jiġi kkunsidrat kif xieraq il-Ftehim Interistituzzjonali fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat il-Fond,
- C. billi l-Isvezzja, l-Awstrija u l-Olanda talbu għall-ghajjnuna fir-rigward tal-każijiet li jikkonċernaw is-sensji fis-settur awtomotiv fl-Isvezzja ⁽³⁾ u l-Awstrija ⁽⁴⁾, u fis-settur tal-kostruzzjoni f'kumpanija waħda, Heijmans N.V., fl-Olanda ⁽⁵⁾,
- D. billi l-applikazzjonijiet issodisfaw il-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament EGF,
1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;
 2. Ifakkar fl-impenn tal-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond, fejn jingħata appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien immirat biex jgħin lill-ħaddiema li tilfu xogħolhom minħabba l-globalizzazzjoni;

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.⁽³⁾ EGF/2009/007 SE/Volvo⁽⁴⁾ EGF/2009/009 AT/Steiermark⁽⁵⁾ EGF/2009/011 NL/Heijmans N.V.

L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009

3. Jenfasizza li l-possibilità li l-proposti għal deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-fond jinġabru f'lot-tijiet skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament tal-EGF tipperikola d-dritt tal-awtorità baġitarja li teżamina kull applikazzjoni fuq il-bażi tal-merti tagħha u tista', b'konsegwenza, tippenalizza xi wħud minnhom;
4. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tuża l-mezzi tagħha kollha biex tiffaċċja l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija; jenfasizza li f'dan ir-rigward l-EGF jista' jkollu rwol kruċjali biex il-ħaddiema li tilfu xogħolhom jiġu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol;
5. Jenfasizza li, b'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-EGF, għandu jiġi żgurat li l-EGF jappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema individwali li tilfu xogħolhom; itenni li l-ghajjnuna mill-EGF ma għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tieħu post miżuri għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi;
6. Ifakkar lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-EGF, biex ma tittrasferix sistematikament approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-Fond Soċjali Ewropew, peress li l-EGF inholog bħala strument speċifiku għalih bl-oġġettivi u l-iskadenzi tiegħu;
7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-EGF għandhom ikunu evalwati fil-qafas tal-evalwazzjoni ġenerali tal-programmi u d-diversi strumenti oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali, fi ħdan il-proċess tar-reviżjoni tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013;
8. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
9. Jistieden lill-Kummissjoni biex minn issa 'l quddiem tissottometti l-proposti għall-awtorizzazzjoni tal-mobilizzazzjoni tal-Fond b'mod separat għal kull applikazzjoni;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-punt 28,

ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

L-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) ġie stabbilit biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati li jbatu minħabba l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija u biex jgħinhom jergħu jintegraw fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF ġie mwessa' għall-applikazzjonijiet sottomessi mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ lill-ħaddiema li jtilfu l-impjieg bħala riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF sal-limitu annwali massimu ta' EUR 500 miljun.
- (4) L-Isvezja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fis-settur awtomotiv, fil-5 ta' Ġunju 2009. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-ammont ta' EUR 9 839 674.
- (5) L-Awstrija ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fis-settur awtomotiv, fid-9 ta' Lulju 2009. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-ammont ta' EUR 5 705 635.
- (6) L-Olanda ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fis-settur tal-kostruzzjoni, fl-4 ta' Awwissu 2009. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-ammont ta' EUR 386 114.
- (7) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjonijiet imressqa mill-Isvezja, l-Awstrija u l-Olanda.

JIDDEĊIEDU:

Artikolu 1

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2009, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 15 931 423 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President